# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1170/99**

**Numru 30**

**Olsen Car Rental Company Limited**

**vs**

**Carmel Galea**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' hames mija hamsa u tmenin lira Maltija (Lm585) rappresentanti kera ta' karozza tat-tip Hyundai li ggib in-numru ta' registrazzjoni IAK 196, liema karozza giet mikrija lill-konvenut mis-socjeta mittenti ghal diversi granet bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-atti kawtelatorji prezentati mal-avviz u inkluza dik tal-ittra interpellatorja ta' April 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut li biha eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-ammont minnha pretiz ma ghadux dovut peress li gie mhallas.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 8 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jinghad minnufih in konnessjoni mal-eccezzjoni sottomessa mill-konvenut li kien jispetta lilu sabiex jipprova li l-ammont pretiz fl-avviz in esami kien gie imhallas minnu.  Pero l-istess konvenut ma ressaq ebda prova in sostenn ta' dak eccepit minnu.

Illi, da parti taghha, s-socjeta' attrici ipproduciet lil <u>Kevin Bugeja</u>, direttur taghha, li xehed (fol 9 ibid) li l-ammont specifikat fl-istess avviz ma giex imhallas mill-konvenut.

Illi ghalhekk jidher li t-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm585 bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' Awissu 1999 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-atti kawtelatorji tat-3 ta' Awissu 1999 u tal-ittra interpellatorja ta' April 1999 msemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg